Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Rita Tanti

Vs

Window World Innovations Ltd

CCT 77/23/MM

Illum, 31 ta' Diembeu 2024

It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-2 ta' Mejju, 2023 fejn ir-rikorrenti talbet is-somma ta' mitejn u disgħa u ħamsin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€259.75) rappreżentanti skont li allegatament kellu jingħata fuq l-ordni tagħha.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata.

Ra l-kontro-talba ppreżentata mis-soċjeta' intimata fl-20 ta' Lulju 2023.

Ra r-risposta tar-rikorrenti għar-rikonvenzjoni tas-soċjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż ritratti, kontijiet u diversi korrispondenza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra s-segwenti

Illi l-fatti fil-qosor huwa s-segwenti. Illi r-rikorrenti għamlet ordni ta' diversi aperturi li kellha bżonn għad-dar tagħha. Illi peress li l-ordni kienet teċċedi d-disat elef ewro (€9,000), is-soċjeta' intimata volontarjament iddeċidiet li tapplika skont speċjali ta' 5% fuq it-total tal-ordni kollha. Illi eventwalment irriżulta li xi aperturi partikolari ma setawx jinħadmu u għalhekk is-soċjeta' intimata deherilha li kellha d-dritt li taġġusta l-iskont mogħti lill-klijent stante li l-valur tal-ordni kien inbidel peress li parti mill-ordni ma kienetx ser issir.

Illi r-rikorrenti issostni li s-soċjeta' intimata naqset mill-obbligi tagħha u ma rrispettatx iż-żmien, tant li l-istess soċjeta intimata eventwalment kienet offriet kumpens ta' ħames mitt ewro (€500) biex jagħmel tajjeb għad-dewmien esaġerat u għax-xogħol ħażin.

Illi s-soċjeta' intimata tirrispondi billi fuq bażi preleminari teċċepixxi eċċezzjoni preleminari fis-sens li s-soċjeta' intimata mhijiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservazzjoni tal-ġudizzju. Illi fuq il-mertu issostni li d-dewmien kien dovut għar-rikorrenti stante li minkejja li kienet infurmata bid-diffikulta li kien hemm biex tinħadem l-apertura bil-qisien partikolari tagħha, xorta webbset rasha u ddeċidiet li tagħmel esperiment. Illi dwar il-valur, tikkonferma li l-kalkoli tagħha huma korretti u kien għalhekk li kkontestaw it-talba u kontestwalment ppreżentat kontrotalba sabiex is-soċjeta' rikonvenzjonata titlob il-bilanċ dovut lilha mingħand ir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ser jibda biex jikkunsidra l-eċċezzjoni preleminari.

Illi fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et (Rik.Ġur.Nru 700/14)**, deċiż fit-28 ta' Settembru 2016 il-Qorti qalet: *Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:* ***Focal Maritime ServicesCompany Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April*

2008 mill-Qorti tal-Appell: "In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt,leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħul-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika."

Illi fil-kawża **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et deċiża fil-**5 t'Ottubru 2001, il-Qorti tal-Appell qalet hekk: "*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit lil-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti,kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Illi jekk wieħed jara d-dokumenti esebiti fl-atti, jinnota li dawn inkitbu fuq karta bil-letterhead bil-logo tas-soċjeta' intimata kif ukoll ta' "Windows World Innovations". Għalhekk huwa ferm evidenti li s-soċjeta' intimata fejn jidhrilha jogħġobha hija tidentifika ruħha bħala "Windows World Innovations" u fil-fatt f'diversi aspetti tal-operat tagħha hija tuża n-nomenklatura "Windows World Innovations" speċjalment fir-relazzjoni tagħha mal-klijenti. Jista' jingħad għalhekk li l-isem "Technological Innovations Limited" u l-isem "Windows World Innovations" jintużaw "interchangeably" u jirreferu għall-istess persuna

ġuridika. Ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Paul Previ vs Transport Malta deċiża fil-5 ta' Ottubru 2018.

Illi t-Tribunal jinnota wkoll li l-istess soċjeta' intimata preżentat kontrotalba, fatt li jkompli jikkonferma kemm is-soċjeta rikonvenzjonata u Windows World Innovations huma l-istess persuna ġuridika.

Għalhekk l-eċċezzjoni preleminari qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidra

Illi dwar il-mertu l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Illi konfrontat b'kunflitt ta' provi, it-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt trattati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi t-Tribunal kellu l-opportunita li jisma' l-partijiet bil-ġurament u jidhirlu li l-verżjoni tar-rikorrenti għandha mis-sewwa u hija aktar ġenwina u plawsibbli. Illi s-soċjeta' intimata m'hijiex kredibbli meta targumenta li d-dewmien fl-ordni tal-aperturi kienet dovuta għar-rikorrenti kif intqal permezz tal-affidavit ta' Margie Saliba, direttriċi tas-soċjeta' intimata u

dan peress li kieku kien minnu li l-qisien tal-aperturi kien tant diffiċli li jinħadem, is-soċjeta' kellha tirrifjuta li tieħu l-ordni u mhux tieħu l-ordni u xhur wara tinforma lill-klijenta li ma tistax tonora l-obbligi li tkun ikkomettiet għalihom. Illi fis-sentenza "**Valletta Aluminium Wrought Iron Work Limited vs Carmen Grech**" (P.A. (JRM) – 17 ta' Gunju 2010) ingħad li "*l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jaghmel skond l-ahjar sengha u hila tieghu biex jaghti xoghol tajjeb u fejjiedi lil min ikun qabbdu ("Tal-Franciz Construction Limited et vs Anglu Zarb" – A.I.C. (PS) – 15 ta' Lulju 2007). B'mod partikolari, l-appaltatur ma jistax iressaq 'il quddiem id-difiza li x-xoghol ma sarx tajjeb ghaliex sar kif riedu l-kommittent, ghaliex l-appaltatur irid jirrezisti kull intromissjoni tal-kommittent minhabba dak l-indhil jew insistenza x-xoghol ma jkunx se' jsir skond ma jitolbu s-sengha u l-arti....*".

Illi anki kieku għas-saħħa tal-argument wieħed kellu jemmen il-verżjoni tas-soċjeta' intimata li d-dewmien kien dovut għall-klijenta għax insistiet li tesperimenta bil-qisien, xorta' jibqa l-fatt li fil-proċess ma nġabet xi tip ta' prova f'dan is-sena mis-soċjeta' intimata u għalhekk huwa aktar vero simili li s-soċjeta' intimata aċċettat li tagħmel xogħol li wara diversi tentattivi irriżultalha li ma kiniet kompententi li twettaq.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iħoss li r-rikorrenti rnexxilia tipprova l-kawża tagħha sal-grad li trid il-liġi u għalhekk mhux se jaċċetta bħala leġittimu u ġustifikat id-difiża tas-socjeta' intimata. Dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, l-attriċi issodisfat l-oneru tal-prova dwar il-mertu.

Ikkunsidra

Illi dwar l-ammont pretiż, it-Tribunal jinnota li matul il-proċeduri r-rikorrenti talbet li tawmenta l-ammont mitlub minnha stante li ma kinietx assitita minn konsulent legali meta

ppreżentat it-talba tagħha. Illi s-soċjeta' intimata opponiet għal tali talba. Illi t-Tribunal ma jaqbilx mar-raġunament tar-rikorrenti stante li biex taħdem somma matematikata m'hemmx bżonn assistenza legali. Illi kif osservat is-soċjeta' intimata, tant ir-rikorrenti kienet ċerta mill-ammont mitlub minnha tant li mal-avviż tat-talba hija preżentat dokument bil-kalkoli tagħha.

Illi finalment it-Tribunal irid jiddeċiedi dwar l-ammont mitlub. Illi kif ingħad aktar il-fuq it-Tribunal sab li parti mill-ordni tal-aperturi ma saritx esklussivament minħabba nuqqas tas-soċjeta' intimata. Għalhekk issa ser jagħddi biex jiddeċiedi jekk is-soċjeta' intimata kellhiex dritt taġġusta l-iskont li kien ingħata minnha principarjament fuq l-ordni kollha. Illi fid-dawl tal-fatt li l-ordni inbidlet minħabba nuqqas tal-istess soċjeta' intimata, hija m'għandiex dritt li taġġusta l-iskont stante li dan iwassal għall-bidla fil-prezz tal-oġġetti kollha. Illi kieku t-Tribunal jippermetti li s-soċjeta' intimata li taġġusta l-iskont wara li ordni tiċkien minħabba nuqqas tagħha stess, jkun qiegħad jiffaċilita' prattiċi ħżiena u qarrieqa fejn kummerċjant, biex jiġbed ix-xogħol lejh, joffri skontijiet tajbin u attrajenti fuq prodotti jew servizzi li jaf li ma jistax jipprovdi u wara li jinforma lill-klijent li se jkun hemm ħtieġa li tiġi aġġustata l-ordni, l-istess kummerċjant jaġġusta l-iskont mogġti oriġinarjament fuq l-ordni kollha bir-riżultat li l-klijent ikun spiċċa ħallas prezz iżjed għoli għall-prodotti jew servizzi li effettivament jiġu provduti.

Decide

Għal motivi senjalati dan it-Tribunal qiegħad jiddeċidi l-kawża billi jiċħad il-kontro-talba bl-ispejjez kontra s-soċjeta' intimata u qiegħad jilqa' t-talba tar-rikorrentii u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' mitejn u disgħa u ħamsin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€259.75) fi żmien ġimgħatejn mil-llum. Is-soċjeta' intimata għandha tikkonsenja kwalsiasi ċwievet li għadhom fil-pussess tagħha fi żmien ġimgħatejn mil-llum.

Bl-ispejjez kontra s-soċjeta' intimata.

Avv. Martha Mifsud

Arbitru